# DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## tat-12 ta' Diċembru 2008

## li tistabbilixi l-miżuri meħtieġa għall-ħlas tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew mill-banek ċentrali nazzjonali parteċipanti

## *(BĊE/2008/24)*

(2009/54/KE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (minn issa 'l quddiem "l-Istatut tas-SEBĊ"), b'mod partikolari l-Artikolu 28.3,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni BĊE/2006/22 tal-15 ta' Diċembru 2006, li tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa għall-ħlas tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew mill-banek ċentrali nazzjonali parteċipanti ([1]) ddeterminat kif u safejn il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) ta' l-Istati Membri li adottaw l-ewro (minn issa 'l quddiem "il-BĊNi parteċipanti") kellhom l-obbligu li jħallsu l-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) fl-1 ta' Jannar 2007.

(2) Id-Deċiżjoni BĊE/2008/23 tat-12 ta' Diċembru 2008 dwar l-ishma ta' persentaġġ tal-banek ċentrali nazzjonali fl-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew ([2]) tipprovdi għall-aġġustament ta' l-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-BĊE (minn issa 'l quddiem "l-iskema kapitali") skond l-Artikolu 29.3 ta' l-Istatut tas-SEBĊ, u tistabbilixxi b'effett mill-1 ta' Jannar 2009, l-ippeżar il-ġdid assenjat lil kull BĊN fl-iskema aġġustata għas-sottoskrizzjoni tal-kapital (minn issa 'l quddiem l-"ippeżar ta' l-iskema kapitali").

(3) Il-kapital sottoskritt tal-BĊE huwa ta' EUR 5 760 652 402,58.

(4) L-aġġustament ta' l-iskema kapitali tal-BĊE jeħtieġ l-adozzjoni ta' deċiżjoni ġdida tal-BĊE li tirrevoka d-Deċiżjoni BĊE/2006/22 b'effett mill-1 ta' Jannar 2009, u li tiddetermina kif u safejn il-BĊNi parteċipanti huma obbligati jħallsu l-kapital tal-BĊE b'effett mill-1 ta' Jannar 2009.

(5) Skond l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/608/KE tat-8 ta' Lulju 2008 skond l-Artikolu 122(2) tat-Trattat dwar l-adozzjoni mis-Slovakja tal-valuta waħda fl-1 ta' Jannar 2009 ([3]), is-Slovakja tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-adozzjoni ta' l-ewro u d-derogi mogħtija lilha skond l-Artikolu 4 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni 2003 ([4]) huma abrogati b'effett mill-1 ta' Jannar 2009.

(6) Skond id-Deċiżjoni BĊE/2008/33 tal-31 ta' Diċembru 2008 tal-ħlas tal-kapital, it-trasferiment ta' l-assi barranin tar-riżerva u l-kontribuzzjonijiet min-Národná banka Slovenska għar-riżervi u l-provvisti tal-Bank Ċentrali Ewropew ([5]), in-Národná banka Slovenska huwa obbligat iħallas il-kumplament tas-sehem tiegħu tas-sottoskrizzjoni tiegħu fil-kapital tal-BĊE b'effett mill-1 ta' Jannar 2009, wara li jqis l-iskema kapitali aġġustata,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

**Daqs u forma tal-kapital imħallas**

Kull BĊN parteċipanti għandu jħallas is-sottoskrizzjoni tiegħu għall-kapital tal-BĊE kollha kemm hi b'effett mill-1 ta' Jannar 2009. Wara li jitqies l-ippeżar ta' l-iskema kapitali deskritt fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni BĊE/2008/23 kull BĊN parteċipanti għandu jħallas b'effett mill-1 ta' Jannar 2009, l-ammont muri ħdejn ismu fit-tabella li ġejja:

| BĊN parteċipanti | (EUR) |
|---|---|
| Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique | 139 730 384,68 |
| Deutsche Bundesbank | 1 090 912 027,43 |
| Central Bank and Financial Services Authority of Ireland | 63 983 566,24 |
| Bank of Greece | 113 191 059,06 |
| Banco de España | 478 364 575,51 |

([1]) ĠU L 24, 31.1.2007, p. 3.

([2]) Ara paġna 66 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

([3]) ĠU L 195, 24.7.2008, p. 24.

([4]) Att li jitratta l-kundizzjonijiet tas-sħubija tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka u l-aġġustamenti tat-Trattati li fuqhom l-Unjoni Ewropea hija stabbilita (ĠU L 236, 23.9.2003, p. 33).

([5]) Ara paġna 83 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

| BĊN parteċipanti | (EUR) |
|---|---|
| Banque de France | 819 233 899,48 |
| Banca d'Italia | 719 885 688,14 |
| Central Bank of Cyprus | 7 886 333,114 |
| Banque centrale du Lussemburgu | 10 063 859,75 |
| Bank Ċentrali ta' Malta | 3 640 732,32 |
| De Nederlandsche Bank | 229 746 339,12 |
| Oesterreichische Nationalbank | 111 854 587,70 |
| Banco de Portugal | 100 834 459,65 |
| Banka Slovenije | 18 941 025,10 |
| Národná banka Slovenska | 39 944 363,76 |
| Suomen Pankki | 72 232 820,48 |

*Artikolu 2*

**Aġġustament tal-kapital imħallas**

1. Minħabba li kull BĊN parteċipanti, bl-eċċezzjoni tan-Národná banka Slovenska, diġà ħallas is-sehem sħiħ tiegħu fil-kapital sottoskritt tal-BĊE kif applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2008, skond id-Deċiżjoni BĊE/2006/22, kull wieħed minnhom, bl-eċċezzjoni tan-Národná banka Slovenska, għandu jittrasferixxi ammont addizzjonali lill-BĊE, jew jirċievi ammont lura mill-BĊE, kif jixraq, sabiex jasal għall-ammonti murija fit-tabella fl-Artikolu 1. Il-ħlas tal-kapital min-Národná banka Slovenska huwa rregolat bid-Deċiżjoni BĊE/2008/33.

2. It-trasferimenti kollha skond dan l-Artikolu għandhom ikunu magħmula skond id-Deċiżjoni BĊE/2008/25 tat-12 ta' Diċembru 2008 li tistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għat-trasferimenti ta' l-ishma kapitali tal-Bank Ċentrali Ewropew bejn il-banek ċentrali nazzjonali u għall-aġġustament tal-kapital imħallas ([1]).

*Artikolu 3*

**Dispożizzjonijiet finali**

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2009.

2. Id-Deċiżjoni BĊE/2006/22 qed tiġi hawnhekk abrogata b'effett mill-1 ta' Jannar 2009.

3. Ir-referenzi għad-Deċiżjoni BĊE/2006/22 għandhom jiġu interpretati bħala referenzi magħmulin għal din id-Deċiżjoni.

Magħmula fi Frankfurt am Main, 12 ta' Diċembru 2008.

*Il-President tal-BĊE*

Jean-Claude TRICHET

([1]) Ara paġna 71 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.